# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 283/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 10**

**GO p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Dr. Simon Micallef Stafrace nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' Roni Malta Ltd (C71369) b'digriet tal-21 ta' Jannar 2022**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' tlett elef, sitt mija u sittax-il Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€3,616.14) rappreżentanti servizzi mogħtija kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2842/17 u l-imgħaxijiet;[1]

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal fejn kien laqa' t-talba sabiex jiġi nominat u jinħatar kuratur deputat[2];

Ra r-risposta tal-kuratur deputat tramite liema laqa' għal din l-azzjoni b'eċċezzjoni fejn ingħad li m'huwiex edott bil-fatti u għalhekk irriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri[3];

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[4];

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022 fejn il-kuratur talab żmien biex iressaq nota bit-tentattivi ta' notifika magħmula minnu;

Ra n-nota tal-kuratur deputat[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[6] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. Ukoll, l-ammont mitlub huwa kkorroborat u jikkombaċja ma' dak mitlub fl-Avviż. In

---

[2] Digriet tal-21 ta' Ottubru 2019.
[3] A fol 34 tal-proċess.
[4] A fol 65 tal-proċess.
[5] Ippreżentata fl-20 ta' Ottubru 2022.
[6] Dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba.

oltre', jirriżulta mill-istess dokumenti li kienu saru xi pagamenti mis-soċjetá konvenuta, u dan fil-perjodu mertu ta' din it-Talba. It-Tribunal għalhekk huwa aktar u aktar konvint li dan id-debitu huwa dovut, anke in omaġġ tal-prinċipju li kull pagament jippreżumi dejn[7].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' tlett elef, sitt mija u sittax-il Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€3,616.14) bl-imgħax legali mill-1 ta' Novembru 2017[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittri uffiċjali bin-numru 2842/2017[9] jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] L-ittra uffiċjali relattiva tinsab eżebita. It-timbru relattiv jinsab a fol 13 tal-proċess.
[9] Din l-ittra ġiet ippreżentata u hija mmarkata bħala Dok C a fol 11 tal-proċess.